**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 8

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 8 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
08.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
08.5 Rapporti;
08.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
08.7 Aġġornament dwar il-ħatra ta' Contracts Manager fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
08.8 Aġġornament dwar Ġieħ il-Qrendi 2020;
08.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2020;
08.10 Ktejjeb dwar ir-Restawr ta' Torri Xutu u Heritage Walks;
08.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
08.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-8 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar 2020 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

08.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

08.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittra x'tinqara.

08.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

08.2.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar il-persuni li kienu avviċinati għall-kwotazzjoni minħabba post ta' kirja għall-Kunsill Lokali.

08.2.1.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali kien tkellem mas-Sur Stanley Magro, mas-Sinjura Jane Farrugia u mas-Sur Sammy Abdilla, kif ukoll mal-Amministratur Parrokjali Dun Mario Said.

08.2.1.2 Żied li l-Kunsill Lokali għażel l-offerta tas-Sur Stanley Magro fi Triq il-Kartaġiniżi, kif ukoll l-offerta tas-sala taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

08.2.1.3 Kompla li l-lok tal-offerta tas-Sinjura Jane Farrugia kien jinsab fi Triq il-15 ta' Awwissu, filwaqt li l-lok tal-offerta tas-Sur Sammy Abdilla kien fi Triq il-Kbira.

08.2.2 Il-Minuti tas-7 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

08.2.2.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 08.3, 08.4 u 08.5 jiġu diskussi wara Minuta 08.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 08.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

08.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-pedamenti tlestew u f'dawn il-jiem qiegħed isir il-mili kif ukoll qed titwitta' l-muntanja li kien hemm sa ftit tal-ġranet ilu.

08.6.2 Qal li fil-jiem li ġejjin il-Perit tal-Kunsill Lokali nkarigat minn dan il-proġett ser iżur is-sit u probabbli nagħmlu wkoll xi pagamenti għax-xogħol li sar s'issa.

## 08.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-ĦATRA TA' CONTRACTS MANAGER FIL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

08.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali tkellimna mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u konna nfurmati li tista' tiddaħħal persuna li apparti x-xogħol klerikali jkollha speċifikat li trid tagħmel ix-xogħol ta' Contracts Manager.

08.7.2 Is-suġġeriment tiegħu kien li tinħareġ sejħa għal persuna klerikali fi Skala 13 u li parti mix-xogħol ikun dak ta' Contracts Manager.

08.7.3 Fil-jiem li ġejjin ser inkunu qegħdin nitkellmu mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tinħareġ is-sejħa għall-vakanza klerikali fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

## 08.8 AĠĠORNAMENT DWAR ĠIEĦ IL-QRENDI 2020

08.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li meta għalqu n-nomini ta' Ġieħ il-Qrendi 2020 ddaħħlu żewġ envelops.

08.8.2 Qal li tlabna lill-Għaqdiet tal-lokal sabiex jinnominaw lill-President jew

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

lis-Segretarju sabiex ikunu parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni u s'issa għandna risposta mingħand is-Soċjetà Mużikali Santa Marija, is-Soċjetà Filarmonika Lourdes, Qrendi FC u Qrendi Scout Group.

08.8.3 Tkellem ukoll dwar l-Onorifiċenzi li jagħti l-Kunsill Lokali u qal li tkun idea tajba jekk din is-sena s-Sur Karmenu Farrugia jingħata l-Onorifiċenza Hidma Soċjali u Reliġjuża.

08.8.4 Is-Sindku ppropona wkoll li tingħata l-Onorifiċenza Ħidma Edukattiva lis-Sur Karmenu Pace.

08.8.5 Spjega kif ser jingħata rikonoxximent lill-ex Kunsillieri Olympia Sant Mifsud u Daniela Farrugia tal-ħidma tagħhom fil-Kunsill Lokali .

08.8.6 Żied ukoll li jistgħu jingħataw xi rikonoxximenti, fosthom lid-Dipartiment tar-Restawr, lid-Dipartiment tad-Drenaġġ kif ukoll lill-Korporazzjoni Enemalta.

08.8.7 Is-Sindku ppropona filwaqt li l-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 08.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2020

08.9.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li l-Festival Agrarju tal-Patata ser isir nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju 2020.

08.9.2 Żied li fit-22 ta' Jannar ser jitlaqqa' għall-ewwel darba s-sotto-kumitat li ser ikun iffurmat kif ġej:

Patrick Bugeja
Gabriel Camilleri
Stephania Grixti
Karmenu Farrugia
Gordon Genovese
Mancy Farrugia
Carlo Zahra

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Roberta Calleja
Marie Camilleri
Grace Bonnici

08.9.3 Qal li ser ikun qiegħed jgħaddi l-iżviluppi li jseħħu fis-sotto-kumitat lill-Kunsill Lokali.

## 08.10 KTEJJEB DWAR IR-RESTAWR TA' TORRI XUTU U HERITAGE WALKS

08.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li kemm fil-manifest elettorali tal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll bħala Kunsillieri dejjem kellna interess li nippubblikaw ktieb dwar heritage walks li jistgħu jsiru fil-lokalità.

08.10.2 Qal li tkellem ma' Dr Stanley Farrugia Randon li aċċetta li jikteb ktejjeb żgħir dwar ir-restawr tat-Torri Xutu li jinsab f'Wied iż-Żurrieq, kif ukoll isiru żewġ heritage walks.

08.10.3 Dawn il-heritage walks ser ikunu lejn it-Tempji u l-Bjar tal-Misqa, filwaqt li t-tieni heritage walk tkun lejn il-Maqluba.

08.10.4 Żied li min-naħa tiegħu Dr Farrugia Randon diġa' tkellem ma' printer sabiex jiġi ppubblikat dan il-ktieb li ser jiġi jiswa €1,800 għal 1,500 kopja.

08.10.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk jistax jiġi kkummissjonat minn min irrestawra t-Torri Xutu, għax fl-aħħar mill-aħħar dawn ser ikunu spejjeż żejda fuq il-Kunsill Lokali.

08.10.6 Is-Sindku wieġeb li bħala finanzi nistgħu nibbenefikaw mill-fondi tar-Reġjun tan-Nofsinhar, inkella minn xi skemi li joħorġu minn żmien għal żmien.

08.10.7 Żied li Din l-Art Ħelwa trid 300 kopja sabiex ikunu jistgħu jinbiegħu, filwaqt li l-oħrajn nistgħu nieħdu ħsieb inbiegħuhom aħna bħala Kunsill Lokali għal donazzjoni żgħira.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

08.10.8 Kien hemm diskussjoni dwar kemm-il kopja tiġi printjata u ser nitkellmu mal-printer biex naraw kemm jiġi jiswa l-prezz.

08.10.9 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jiffinnanzja dan il-ktejjeb, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 08.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

08.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-kwotazzjoni għal xogħol ta' restawr ta' pilastri u qal li kellna biss applikant wieħed u x-xogħol mistenni jinbeda fil-jiem li ġejjin.

08.3.1.1 Qal li qiegħed jittama li fi ftit ġimgħat dan ix-xogħol ikun tlesta.

08.3.2 Is-Sindku tkellem dwar it-tender tal-ħitan tas-sejjieħ.

08.3.2.1 Qal li llum iltqajna mal-kumpanija Idea Plan Ltd kif ukoll kuntrattur Malti espert fil-ħitan tas-sejjieħ.

08.3.2.2 Żied li ser ikun hemm sub-contracting tax-xogħol mill-kumpanija Taljana lill-kuntrattur Malti u x-xogħol mistenni jibda għall-aħħar ta' Frar 2020.

08.3.2.3 Spjega li minn meta jibda l-proġett, huwa stmat li rridu nistennew bejn erba' u ħames xhur sakemm ikun lest ix-xogħol kollu.

08.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni li għamilna tal-LC Care, tal-ħarsien tal-annimali.

08.3.3.1 Qal li għalkemm iffirmajna għadna ma rċevejniex il-flus, u rridu nsibu persuna li ser tagħmel il-moniteraġġ tal-proġett.

08.3.3.2 Spjega li issa rridu nidentifikaw min huma l-persuni li ser jieħdu ħsieb l-annimali, kif ukoll kif ser jingħata l-ikel.

08.3.4 Is-Sindku tkellem dwar żjara f'Kaunas, il-Litwanja, fejn il-Kunsillier Charles Zerafa flimkien miegħu ser jattendu għal seminar ieħor dwar

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

l-immigrazzjoni.

08.3.4.1 Qal li l-Kunsill Lokali mhu ser joħroġ l-ebda finanzjament għal din iż-żjara u ġaladarba jaslu lura ser ikunu qegħdin jagħtu rapport lill-Kunsill Lokali ta' dak li jkun seħħ.

08.3.5 Is-Sindku tkellem dwar attività li saret matul din il-ġimgħa fl-Iskola Primarja tal-Qrendi, fejn apparti li ġiet imfakkra l-memorja tat-tfajjel Nicholas Zammit u tħawlet siġra f'ismu fl-istess skola, tħawlu numru sabiħ ta' siġar fi Triq it-Tempesta.

08.3.6 Is-Sindku tkellem dwar atti vandali li seħħew fil-Ġnien tal-Warda fl-aħħar jiem ta' Diċembru 2019.

08.3.6.1 Qal li tkissru b'kolllox madwar 13-il globu, u l-Kunsill Lokali għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq dwar dan il-każ.

08.3.6.2 Żied li jekk kemm-il darba l-pulizija jaslu għall-persuni li wettqu dawn l-atti vandali, il-Kunsill Lokali mhu ser ikollu l-ebda problema li jtella' lill-persuni l-Qorti jekk dawn ma jaċċettawx li jħallsu l-ispejjeż.

08.3.7 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li ddaħħlet illum mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi fl-iskema Achievers.

08.3.7.1 Qal li b'kollox hemm €3,000 li wieħed jista' jibbenefika minnhom, u l-Kunsill Lokali ppropona li jidħol b'kollaborazzjoni man-nursery ta' Qrendi FC u jsir speċi ta' ġemellaġġ ma' tim tal-futbol f'Għawdex.

08.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-Performance Appraisals tal-impjegati tal-Kunsill Lokali u qal li l-Kunsill Lokali jrid jiddeċiedi jekk japprovax dawn l-Appraisals.

*Għal din id-diskussjoni s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ħareġ 'il barra mill-kamra tal-laqgħa, u reġa' daħal lura ġaladarba d-diskussjoni kienet intemmet.*

08.3.8.1 Is-Sindku ppropona li kemm is-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Prinċipal u l-Clerk, kollha għandhom jieħdu l-massimu tal-Performance Bonus dovut lilhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

08.3.8.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 08.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

08.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar Triq Ġużè Cassar u qal jekk jistgħux jiżdiedu l-fjuri f'din il-parti tat-triq fejn hemm nieqes.

08.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li iva, hemm bżonn li nżidu l-lantana f'dik iż-żona.

08.4.1.2 Il-Viċi Sindku qal li hu lest li jġib stima ta' kemm tiswa din il-lantana minħabba li bħalissa m'għandniex il-kuntratt tal-Ġonna u s-Soft Areas.

08.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar is-siġar li tħawlu fi Triq it-Tempesta u jekk dawn setgħux kienu differenti.

08.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li dawn is-siġar ġew b'xejn, u fl-aħħar mill-aħħar bħalissa huma popolari ħafna fejn anke qegħdin jitħawlu f'lokalitajiet oħra.

08.4.2.2 Barra minn hekk qal li dawn it-tip ta' siġar ma jeħxinux minn taħt u allura ma jgħattux il-viżiblità tas-sewwieqa, kif ukoll ma jtellgħux it-triq u ma' jagħmlu l-ebda ħsara.

08.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-isleeping policeman ta' Triq Ġużeppi Muscat u s-Sindku wieġeb li din ser issir fil-ġimgħat li ġejjin.

08.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar Triq Ġużè Cassar u jekk sarux xi żviluppi fuq l-immanniġjar tat-traffiku.

08.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li għadu le minħabba li bħalissa għaddej żvilupp f'din iż-żona u allura ser nistennew li jitlestew ix-xogħolijiet, imbagħad jekk għandu jsir xi immanniġġjar tat-traffiku, dan isir wara.

08.4.5 Il-Kunsilliera Parnis staqsiet dwar il-korsijiet tal-LifeLong Learning u

liema korsijiet kienu provduti mill-Kunsill Lokali.

08.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li fil-passat kienu jiġu organizzati l-korsijiet tal-Bizzilla u tal-Monasteru, imma mbagħad baqa' jiġi organizzat tal-Bizzilla biss.

08.4.5.2 Il-Kunsilliera Parnis qalet li ser tiċċekkja dwar liema korsijiet jistgħu jiġu organizzati u terġa' titkellem fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali.

08.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar id-doggy bins fil-lokal, u jekk jistgħux jsiru xi ftit in-naħa tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

08.4.6.1 Is-Sindku wieġeb li ser niċċekkjaw dwarha, u naraw li fejn isiru ma jdejqux lir-residenti sabiex ma jkollniex tgergir wara.

## 08.5 RAPPORTI

08.5.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-First Aid Course u qalet li dan ser isir fid-29 u l-31 ta' Jannar ta' din is-sena.

08.5.1.1 Qalet li magħhom ser iġibu ċ-ċertifikati tal-aħħar korsijiet li saru.

08.5.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u qal li bis-saħħa tal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali nstabu b'kollox sitt (6) żgħażagħ apparti hu nnifsu.

08.5.2.1 Iż-żgħażagħ li ser jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ huma:

Gabriel Camilleri
Luke Polidano
Jade Muscat
Andrè Debattista
Daniel Agius
Michaela Vassallo
Elysia Mercieca

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

08.5.2.2 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri qal li ser ikun qiegħed jagħmel group chat fuq Messenger sabiex tiġi mifthiema data meta tista' ssir il-laqgħa.

## 08.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

08.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €24,859.88 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/20 u €32.57 skont il-*Petty Cash* Ref W/12.

08.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

08.11.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

08.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 08.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

08.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Frar fil-5:30pm.

| ______________________ | ____________________ |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |